# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha **3 ta' Ottubru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kurt Zahra)**

**vs.**

**Joseph Buttigieg,**
**Carmel Axiak, u**
**John Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joseph Buttigieg ta' 48 sena iben Emanuel u Maria nee' Portelli, imwieled il-Marsa nhar id-19 ta' Mejju 1960 u residenti f'numru 5, Our Nest, Triq l-Ghabex, Marsa, detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 364460M;

Carmel Axiak ta' 55 sena iben Carmelo u Stella nee' Zerafa, imwieled Hal Qormi nhar il-11 ta' Jannar 1953 u residenti f'numru 129, Triq Arturo Bonnici, Swatar limiti tal-Imsida, detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 76553M; u lil

John Attard ta' 65 sena, iben Saviour u Josephine nee' Muscat, imwieled il-Hamrun nhar it-3 ta' Marzu 1943 u residenti f'numru 14, Triq il-Parrocca, Santa Venera, detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 162743M

Akkuzati talli:

1. Fil-15 ta' Lulju, 2008, ghall-habta tal-10 ta' filghodu (10.00 a.m.), fil-Floriana, iffurmaw f'gemgha ta' tlett persuni jew aktar jew baqghu flimkien, ghal kull hsieb li jkun, b'mod tali u taht cirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixta, ghadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort'ohra, li setghu jgibu twerwir u biza' fost in-nies f'Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma kienet giet imxewxa minn hadd in partikulari, u li l-istess reat li kien mahsub fil-fatt sar;
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arrestaw, zammew, jew issekwestraw lil diversi persuni kontra l-volonta' taghhom;
4. Finalment akkuzati talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ffurmaw f'parti minn gemgha ta' tnax il-persuna jew aktar, migmughin flimkien kontra l-ligi bi ksur tal-paci pubblika, wara li gew formalment imwissija jew mitluba minn awtorita' kompetenti biex jixxerdu u bil-kwiet imorru lejn darhom jew fuq xogholhom, baqghu jew issoktaw flimkien kontra l-ligi, f'numru ta' tnax jew aktar, ghal zmien siegha wara li kienet giet maghmula dik it-twissija pubblika.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dawn il-proceduri jigu ttrattati bil-procedura sommarja, u rat li l-imputati iddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Rat ir-rikors tal-Ufficjal Prosekutur tal-5 ta' Gunju 2018, li mieghu annetta certifikat tal-mewt tal-imputat John Attard, u ghaldaqstant dawn il-proceduri se jigu dikjarati estinti fil-konfront ta' dan l-imputat.

Rat ir-rikors tal-Ufficjal Prosekutur tat-30 t'Awwissu 2018, li mieghu annetta certifikat tal-mewt tal-imputat Joseph Buttigieg, u ghaldaqstant dawn il-proceduri se jigu dikjarati estinti fil-konfront ta' dan l-imputat ukoll.

Konsegwentement, din il-Qorti se tikkonsidra biss l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat Carmel Axiaq.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma in succint is-segwenti:

1. L-allegati imputazzjonijiet sehhew fil-kuntest ta' protesta u strike organizzati mill-Assocjazzjoni tat-Trasport, li tinkludi sewwieqa u propjetarji tat-trasport pubbliku minhabba l-mizuri ghal-liberazzjoni tat-trasport pubbliku li ried jintroduci l-Gvern ta' dak iz-zmien.
2. L-imputat Axiaq kien tezorier tal-Koperattiva tal-minibuses, fil-waqt li l l-imputat Buttigieg kien membru tal-istess Koperattiva. L-imputat Attard kien minibus driver.
3. Folla kbira ta' nies kienu qed jiehdu sehem f'din il-protesta u strike u ngabru fejn il-Monument tal-Gwerra il-Furjana.
4. Hin minnhom ghadda van misjuq minn Ludgardu sive Richard Muscat li kellu sitt turisti go fih, tnejn li riedu jmorru l-Belt u l-erbgha l-ohra riedu jmorru l-ajruport.
5. X'hin is-sewwieq dar mal-monument biex jipprova jidhol il-Belt gie imwaqqaf minn numru ta' nies u qalulu biex jinzel mill-van u jhalli kollox hemm. Hu beza', nizel mill-van u halla c-cavetta fih u telaq bil-mixi fid-direzzjoni tal-Berga ta' Kastilja. It-turisti baqghu fil-van.

6. Xi hadd ha c-cavetta tal-van, u ghalkemm il-Pulizija, principalment l-Assistent Kummissarju – dak iz-zmien Supretendent – Raymond Zammit, u l-Ispettur Alfred Mallia talbu lill-protestanti ituhom ic-cavetta lura, dawn ma riedux.
7. L-Ispettur Mallia ikkuntattja lil sid il-van biex jibghat lil xi hadd bi spare key halli jitnehha l-van, u zewg turisti kellhom jittiehdu l-ajruport b'karozza tal-Pulizija.
8. Ftit tal-hin wara ghaddiet karozza Mercedes garage driven, u xi nies ippruvaw iwaqqfu lix-xufier ukoll, billi anke taw xi daqqiet fuq il-karozza, imma ix-xufier irnexxielu jibqa' ghaddej.
9. Numru iehor ta' nies waqfu karozza ohra Ford Orion tal-kiri, li fiha kien hemm riekba turista, u lix-xufier ukoll hadulu c-cavetta. Izda wara li nizlet it-turista mill-karozza, wara xi nofs siegha, ic-cavetta inghatatlu lura, u kompla sejjer bix-xoghol tieghu.
10. Iktar tard Carmel Axiaq volontarjament ta c-cavetta tal-van, li kien gie mwaqqaf, lill-Ispettur Alfred Mallia, u meta l-Ispettur staqsieh min kien tah ic-cavetta, wiegbu li jixtieq li ma jghidx.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Qabel tghaddi biex tikkunsidra l-meritu, fl-opinjoni tal-Qorti huwa necessarju li jigu kkunsidrati zewg eccezzjonijiet preliminari.

*L-Ewwel Kwistjoni Preliminari – l-Ammissibilita tal-istqarrijiet tal-Imputati*

Din il-Qorti thossha obbligata li tissolleva *ex officio* il-kwistjoni tal-ammissibilita tal-istqarrija tal-imputati in vista tal-izvilupp li kien hemm fil-gurisprudenza wara li saret it-trattazzjoni u senjatament bis-sentenza tal-Qorti Ewropea Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Konsegwentement, il-Qorti se tiskarta l-istqarrija tal-imputat Carmel Axiaq, u dak kollu li qal lill-Ispettur Investigatur u/jew ufficjali ohra tal-Pulizija waqt l-interrogatorju, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza ta' **Mario Borg vs Malta**. Naturalment, il-Qorti

se tiehu konjizzjoni ta' dak kollu li l-imputat Axiaq qal meta ghazel li jixhed quddiem din il-Qorti.

*It-Tieni Kwistjoni Preliminari – L-Ammissibilita tal-Istqarrijiet u x-xhieda tal-ko-imputati l-ohra*

Skond il-gurisprudenza stabbilita ta' dawn il-Qrati, meta fi proceduri bhal dawk odjerni, ikun hemm ko-imputati – fil-kaz odjern originarjament tlett imputati, ix-xhieda jew kull dikjarazzjoni ohra maghmula minn ko-imputat wiehed mhux ammissibbli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor, kemm jekk din ix-xhieda tkun favur u kemm jekk tkun kontra l-iehor. Dan gie ribadit fid-digriet tal-Qorti Kriminali[1] tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. *omissis* Ian Farrugia**, fejn gie ritenut hekk: *"Il-gurisprudenza hija cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali."* u l-Qorti Kriminali tghaddi biex ticcita diversi sentenzi in materja.[2]

Ghalhekk, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputati, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet lill-ufficjali tal-Pulizija tal-ko-imputati l-ohra f'dawn il-proceduri, u lanqas ta' dak li l-ko-imputati xehdu fuq xulxin.

*Il-Meritu*

Mhux kontestat u dan jirrizulta ampjament mill-provi li l-imputati kienu qed jobdu d-direttivi moghtija mis-superjuri taghhom biex jistrajkaw u kienu qed jippartecipaw fil-protesta li

[1] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[2] Ara wkoll fl-istess sens id-digriet tal-Qorti Kriminali (*per Onor.* Imhallef Joseph Galea Debono) tal-4 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella.**

kienet qed issir il-Furjana dak in-nhar. Huwa wkoll pacifiku li kien hemm folla kbira ta' nies, u l-Pulizija kienet qed tipprova tikkontrolla din il-folla.

Dak li trid tiddeciedi l-Qorti fil-konfront tal-imputat odjern huwa jekk, a bazi tal-provi li gew prodotti, hu jekk huwa hux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Il-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh esklussivament fuq ix-xhieda tas-Supretendent, illum Assistent Kummissarju, Raymond Zammit u tal-Ispettur Alfred Mallia. Min-naha taghhom l-imputat ghazel li jitla' jixhed u xehdu ukoll xi xhieda okulari in difeza.

L-Assistent Kummissarju Zammit xehed dwar it-tlett incidenti imsemmija iktar il-fuq – pero huwa semma specifikatament lill-imputat Buttigieg fl-incident tal-karozza Ford Orion, li uhud min-nies waqqfu u kien hemm min prova jiehu c-cavetta. Stante li l-imputat Buttigieg miet fil-mori ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti m'hix se tidhol fil-meritu ta' dan l-incident. Pero huwa rilevanti li jinghad li fix-xhieda tieghu l-Assistant Kummissarju qal li peress li deherlu li kawza ta' dan l-incident is-sitwazzjoni kienet se tiskala, huwa arresta lill-imputat Buttigieg u ordna li jittiehed id-depot.

L-Assistent Kummissarju xehed li huwa baqa' jitlob lin-nies prezenti biex ituh ic-cavetta tal-van bit-turisti li kien twaqqaf. Xehed li huwa kellem lill-imputat Axiaq, bhala membru tal-kumitat, biex jikkopera maghhom, u jghidu lin-nies biex ituhom ic-cavetta. Ix-xhud jghid li Axiaq wiegbu li ma seta' jaghmel xejn.

L-Assistent Kummissarju kellu jillarga minn fuq il-post ghal madwar siegha, fuq xoghol iehor, inkluz biex ikellem lill-imputat Buttigieg li kien arresta. Meta rritorna l-Ispettur Alfred Mallia qallu li l-imputat Axiaq kien tah ic-cavetta tal-van, pero is-sid kien lahaq baghat l-ispare key tal-van u l-van instaq. Ix-xhud jghid li meta hu mar fuq l-imputat Axiaq u staqsieh min tah ic-cavetta, dan wiegbu *"ma tarax li ser nghidlek min taghni c-cavetta."*[3] Ordna li jingieb l-imputat Attard – peress li kellu suspett li kien Attard li tah ic-cavetta, u rega' qal lill-imputat Axiaq biex jghidlu min tah ic-cavetta, ghax inkella kien ser inizzilhom id-depot. Skond dan ix-xhud l-imputat Axiaq wiegbu li hu ma kellux problema jinzel minn rajh. Attard staqsieh jekk lilu kienx ser jarrestah, u x-xhud qallu li ghalih mhix problema biex jarrestah.

[3] Ara fol. 48 tal-process.

Rikbu t-tnejn fil-karozza tal-Pulizija minghajr problema ta' xejn u x-xhud nizzilhom id-depot. Huwa informa lill-Ispettur Michael Mallia li kien stazzjonat is-CID li kien se jibghatlu tnejn min-nies ohra konnessi mal-incidenti li kienu sehhew, ghax *"fixkluni li ma stajtx inkompli bix-xoghol tieghi."*[4]

L-Assistent Kummissarju xehed li huwa arresta lill-imputat Axiaq ghaliex fl-opinjoni tieghu ma kienx qed jassisti lill-Pulizija sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni u qallu li hu ma kien ser jaghmel xejn biex jghin igib is-sitwazzjoni ghan-normal. Dan ghalkemm, l-istess xhud xehed aktar qabel li Axiaq kien ilu jumejn jikkopera mal-Pulizija. Ghalkemm ix-xhud jghid li kien jaf li c-cavetta tal-van ma kienx hadha l-imputat Axiaq, imma kien hadha l-imputat Attard, ix-xhud jghid li hu arrestah ghax l-imputat Axiaq ma riedx jikxef min tah ic-cavetta. L-Assistent Kummissarju jghid li hu jemmen li l-imputat Axiaq kien jaf mill-bidu nett ic-cavetta fejn qieghda.

L-Assistent Kummissarju xehed ukoll li meta mar fejn il-van li gie mwaqqaf, l-imputat Axiaq kien fuq in-naha l-ohra fuq il-bankina, xi zewg metri boghod.

In kontro-ezami, l-Assistent Kummissarju Zammit jghid meta nizzlu id-depot, l-imputat Buttigieg cempel lil xi hadd minn fuq mobile biex jaraw kif igibu c-cavetta, ghaliex l-imputat Buttigieg innega li hu kien jaf fejn kienet ic-cavetta tal-van.

In kontro-ezami, l-Assistent Kummissarju jghid ukoll li hu sar jaf lill-imputat Axiaq dak in-nhar stess, meta introducihulu c-Chairman tal-Koperattiva tal-Minibuses, sabiex jekk ikollu bzonn xi haga ikellem lilu.[5] Dan jikkontradici dak li qal fl-ezami principali, li Axiaq kien ilu jikkopera mal-Pulizija jumejn. L-istess xhud jghid ukoll li hu qal lill-imputat Axiaq li se jnizzlu d-depot ghax mhux qed jikkopera mal-Pulizija.[6] Jghid li meta nizzel lill-imputati Attard u Axiaq id-depot, ic-cavetta tal-van kienet ghadha ma gietx ghand il-Pulizija, u li l-Ispettur Alfred Mallia kien qallu biss li *"c-cavetta kienet ghandhom u giet wara li jiena ma kontx qieghed hemmhekk. Ghidtlu fejn hi? Qalli issa jaghtuhielna hux."*[7]

---

[4] Ara fol. 48. tal-process.
[5] Ara fol. 118 tal-process.
[6] Ara fol. 121 tal-process.
[7] Ara fol. 122 tal-process.

In kontro-ezami l-Assistent Kummissarju jghid ukoll li hu arresta lill-imputat Axiaq ghaliex dan kien qed jaghmel sinjali li seta' jdawwar il-folla x'hin irid hu, ghalkemm hu personalment ma kienx attiv. Fi kliem l-istess xhud *"Imbaghad ghandek dak li jkun biex nghid hekk attivita silenzjuza, ma jiena naghmel xejn pero b'daqqa t'ghajn nista indawwarlek kollox u dak li kien qed jaghmel Axiaq."*[8]

L-Ispettur Alfred Mallia jghid ma jsemmix lill-imputat Axiaq fost il-persuni li qishom bhala *"ringleaders"* jippruvaw jinfluwenzaw il-massa u jghidu l-kliem *"Le, le ma nhalluhomx zgur jehdulna xogholna."*[9] Huwa jghid li l-imputat Axiaq mar voluntarjament fuqu u tah ic-cavetta tal-van li kien gie imwaqqaf, izda dan ghamlu wara li l-Pulizija kienu diga ghamlu arrangamenti ma' sid il-van sabiex il-van jigi mnehhi. Pero jghid li ma jafx min kien ha c-cavetta tal-van. Meta hu staqsa lil Axiaq min kien tah ic-cavetta, Axiaq wiegbu li jixtieq li ma jghidx. Fuq l-imputat Axiaq jghid li ghalkemm kien fuq il-post mal-gemgha, ma osservahx jaghmel l-affarijiet li kienu qed jaghmlu iz-zewg imputati l-ohra. Huwa jghid li lil Axiaq ma rahx jigri wara l-karozzi li kienu ghaddejjin.

Min-naha l-ohra l-imputat Axiaq xehed li hu ma kien involut fl-ebda wiehed mill-incidenti li twaqqfu jew ippruvaw iwaqqfu vetturi. Jghid li hu baqa l-hin kollu fuq il-bankina, izda xi hin cempillu c-Chairman tal-Ko-operattiva tal-mini-buses, Charles Mercieca, biex isib ghand min kienet cavetta ta' minibus abjad, ghax l-Pulizija kienu arrestaw lil Joseph Buttigieg u, jekk igib din ic-cavetta, kienu jitilquh. L-Assistent Kummissarju Zammit ukoll talbu biex jghinu igib ic-cavetta, u l-imputat Axiaq jghid li qallu li ser jaghmel minn kollox biex igibha. Ghalhekk huwa cempel l-ufficju tal-ko-operattiva biex tintbaghat sms alert mal-membri taghha kollha biex min ghandu c-cavetta jirritornaha. Sussegwentement ic-cavetta waddbuha, u hu mar itiha lill-Assistent Kummissarju, pero dan qallu biex itiha lill-Ispettur Alfred Mallia, kif fil-fatt ghamel. Pero, sadanittant, lahqet waslet l-ispare key tal-van.

L-imputat Axiaq jghid li wara li tnehha l-van, l-Assistent Kummissarju Zammit staqsieh biex isiblu lill-imputat John Attard ghax ried ikellmu d-depot. Fil-fatt l-imputat Axiaq sabu u marru hdejn l-Assistent Kummissarju Zammit. Billi lill-imputat Attard kien se jnizzlu d-depot, l-imputat Axiaq staqsa lill-Assistent Kummissarju Zammit, jekk hu, bhala ufficjal tal-

---

[8] Ara fol. 123 tal-process.
[9] Ara fol. 66 tal-process.

kumitat, setghax jinzel id-depot, mal-imputat Attard, u l-Assistent Kummissarju wiegbu li ma kellux problema. Kien wara li nizlu d-depot, li l-imputat Axiaq induna li kien gie arrestat.

Ix-xhud Henry Azzopardi, li kien ukoll qed jiehu parti fil-protesta xehed li ra l-incident meta twaqqaf il-van l-abjad bit-turisti. Madwar erbghin persuna dawru l-van, u x-xufier beza', u telaq jigri. L-imputat John Attard dahhal idejh fil-van, u tefa l-van bic-cavetta li kien hemm fl-ignition. L-Assistent Kummissarju Zammit qal lill-imputat Attard biex imexxi l-van fil-genb, halli ma jibqax f'nofs it-triq, u Attard hekk ghamel. Skond dan ix-xhud, imbaghad xi hadd dahhal idejh fil-van u ha c-cavetta. Jghid li lill-imputati Buttigieg u Axiaq ma jiftakarx li rahom jiehdu parti f'dan l-incident, pero ma kienx cert mija fil-mija.

Manuel Falzon xehed li hu kien fuq il-bankina hdejn l-imputat Axiaq meta in-nies hargu fin-nofs tat-triq biex izommu l-van l-abjad milli jkompli jsuq. Jiftakar li b'xi mod – pero ma jiftakarx kif - ic-cavetta ta' dan il-van giet f'idejn l-imputat Axiaq, u dan mar itiha lil Ufficjal tal-Pulizija li kien fil-vicin. Iktar tard l-imputat Axiaq qallu li l-Ispettur ried ikellem lill-imputat Attard id-depot, u kien se jmur mieghu.

Din il-Qorti elenkat fit-dettal il-provi li ngabu fil-konfront tal-imputat Axiaq mill-Prosekuzzjoni kif ukoll, il-provi li ressqu l-imputati in difeza, sabiex il-konsiderazzjonijiet li se taghmel iktar tard jinftehmu ahjar.

Fit-trattazzjoni orali, iz-zewg partijiet issottomettew li din il-Qorti ghandha tevalwa l-fatti fil-perspettiva ta' dak li kien qed jigri fil-gurnata in kwistjoni. Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li dak in-nhar il-Pulizija kellhom bicca xoghol iebsa hafna biex jikkontrollaw il-folla kbira tax-xufiera tat-trasport pubbliku li kienu qed jobdu direttiva ta' strike u jippartecipaw fi protesta quddiem il-Monument tal-Gwerra il-Furjana. Il-Qorti tapprezza li f'dik il-konfuzjoni ta' nies, u affarijiet jigru fl-istess hin jew wara xulxin, aggravata bis-shana ta' nofs Lulju, huwa impossibbli li persuna li kienet prezenti tghid b'mod preciz il-fatti kif verament graw – u fil-fatt l-ebda zewg xhieda, la tal-Prosekuzzjoni u lanqas tad-difiza, ma taw verzjoni identika ta' dak li gara dak in-nhar.

Pero finalment il-kompitu ta' din il-Qorti mhux dak li tiddeciedi jekk il-Pulizija ezegwietx ix-xoghol taghha sew dak in-nhar, imma jekk fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni irnexxilhiex

tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali l-erba' imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Axiaq, stante li l-imputati Attard u Buttigieg mietu fil-mori ta' dawn il-proceduri.

*L-Ewwel Imputazzjoni – Ir-reat ta' rewwixta*

L-ewwel imputazzjoni hija dik tar-reat ta' rewwixta kontemplat fl-Artikolu 79(1) tal-Kodici Kriminali, li jippreskrivi illi *"Jekk tliet persuni jew aktar jinġemgħu jew jibqgħu flimkien, għal kull ħsieb li jkun, b'mod tali u taħt ċirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, għadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort'oħra, li jistgħu jġibu twerwir u biża' fost in-nies f'Malta, kull ġemgħa bħal dik titqies kontra l-liġi, u kull persuna li tkun ħadet sehem fiha, teħel, meta tinstab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa tnax-il xahar."*

Ghalhekk, element essenzjali ta' dan ir-reat huwa li jrid jigi ppruvat li l-mod kif il-persuni jiltaqghu flimkien ikunu potenzjalment kapaci joholqu allarm serju fost in-nies f'Malta.

Mill-provi mressqa quddiem din il-Qorti ma jirrizultax li l-folla li fiha mhux kontestat li kienu qed jippartecipa l-imputat odjern iltaqghu u ngemghu b'xi mod suspettuz jew perikoluz, jew li l-folla iltaqghet biex tagixxi b'mod aggressiv, tant li setghu holqu biza' u twerwir fost il-poplu. Il-provi juru li l-folla iltaqghet bi skop pacifiku – dak ta' protesta kontra l-mizuri ta' privatizzazzjoni tas-settur tat-trasport pubbliku li ried jintroduci l-Gvern ta' dak iz-zmien. Pero mill-provi jirrizulta wkoll li sehhew tlett incidenti, tista' tghid wara xulxin, fejn xi nies mill-folla ppruvaw, u f'zewg okkazzjonijiet irnexxielhom iwaqqfu vetturi tat-trasport pubbliku misjuqa minn xufiera li ma kienux qed jippartecipaw fl-istrike. Ovvjament l-aktar wiehed gravi huwa dak fejn twaqqaf il-van qed igorr sitt turisti, u xi hadd mill-folla ha c-cavetta ghal madwar siegha.

Il-**Prof. Anthony Mamo** jghid hekk fuq dan ir-reat *"It will be seen that according to our law that which makes the assembly of three or more persons unlawful is not necessarily the unlawfulness of their purpose in assembling together. Their purpose may have nothing unlawful about it, and yet the assembly will be unlawful if the manner of the persons coming together and the circumstances under which they meet are such as are calculated to cause alarm among the citizens. "Mere numbers alone, it is true, will not suffice to make an assembly unlawful but they are a circumstance to be considered. And a marked absence of*

*women and children from a crowd, an unusually late hour of meeting, a seditious tone in the speeches, any menancing cries of banners, any carrying of weapons, are similarly circumstances to be taken into account in determining whether a meeting might reasonably inspire terror in the neighbourhood" (Kenny – ibid)."*[10]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Paul Mifsud et** deciza fis-27 ta' Settembru 1985, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)[11] irriteniet hekk: *"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kliem uzat mill-legislatur aktar milli hu intiz biex jispecifika jekk it-twerwir ta' persuna wahda biss hix sufficjenti jew le ghal fini ta' dan ir-reat, hu kalkulat biex jindika li l-agir ta' min jikkommetti dan ir-reat irid ikun ta' certa gravita, ta' certa serjeta u ta' certa alarm. Fil-fatt kull min kellu l-okkazzjoni li jinqabad f'xi glieda tkun xi tkun jaf li alarm dejjem hemm u mhux l-ewwel darba glieda tispicca fi proprozjonijiet ferm akbar milli wiehed jistenna. Hawnhekk qeghdin fil-kamp tad-delitti kontra l-paci pubblika u evidentement fid-delitt tar-rewwixta l-legislatur mhux qed jittratta dwar il-glieda komuni li tirrikorri kuljum daqqa' f'ambjent u daqqa f'iehor u li dejjem tohloq twerwir u biza' f'xi hadd. Qed jitkellem fuq ir-rewwixta fl-aspett ampju taghha kif deskritt fl-artikolu 79 u ghalhekk aktar minn kunsiderazzjonijiet akkademici dwar jekk subjects jew nies humiex intizi fil-plural jew fis-singular jghodd evidentement il-grad tal-allarm li ragonevolment wiehed jistenna li dak l-agir illegali jista' johloq fost ic-cittadini tenut kont tac-cirkostanzi li fiha jigu kommessi. Mill-banda l-ohra hu korrett dak li gie sottomess mill-appellant u cjoe li t-twerwir u l-biza rikjest ghall-finijiet tal-artikolu 79 mhux dak l-allarm li jolqot, jew jista' jolqot, hafna nies dislokat f'iktar minn lokalita wahda. Infatti fil-fehma tal-Qorti il-fatt li att jigri biss f'post wiehed lokalizzat ma jfissirx li d-delitt in ezami ma jistax jsir ... ... L-esperjenza tal-hajja infatti tghallimna li dak li jigri f'post lokalizzat mhux bil-fors jibqa' ristrett ghal hemm, anzi hafna drabi f'hakka t'ghajn jinfirex f'postijiet ohra xi kultant b'konsegwenzi potenzjalment dizastruzi. Dak li evidentement qed jipprevjeni ghalih il-legislatur hu semplicement dak li hemm indikat fl-artikolu 79, minghajr il-htiega ta' xi regola ta' mizurazzjoni kwantu ghal hin, lokalita eccetra. Jekk tenut kont ta' dak li jsir, il-mod kif isir u c-cirkostanzi ta' vjolenza eccettra tista' tohrog konkluzjoni wahda biss u cioe illi dawn kienu atti li setghu jgibu twerwir u biza' fost in-nies f'pajjizna allura hemm id-delitt tar-rewwixta. Dan id-delitt pero jista' jonqos milli jissussisti ghal diversi ragunijiet bl-istess process logiku invers."*

---

[10] Ara **Notes on Criminal Law** fol. 27.
[11] *Per* Imhallef Carmel A. Agius.

Issa mill-provi mressqa quddiemha jirrizulta li l-unici persuni li naturalment bil-fors li hassew certu ammont ta' alarm huma it-tlett sewwieqa li gew imwaqqfa jew ippruvaw iwaqqfuhom, u n-nies li kienu rekbin fil-vetturi taghhom. Mill-provi jirrizulta ampjament li ghalkemm xi numru ta' nies pruvaw iwaqqfu vettura Mercedes, ix-xufier baqa' ghaddej minn go nofshom u kompla ghal trieqtu. Ix-xufier tal-vettura Orion gie mwaqqaf u xi hadd hadlu c-cavetta tal-karozza, pero mix-xhieda tal-Ispettur Alfred Mallia ma jirrizultax li dan kien f'xi hin fi stat ta' paniku. L-Ispettur Mallia fl-fatt xehed li dan ix-xufier mar fuqu u qallu li hadulu c-cavetta minn go l-ignition u telqu biha, u giet ritornata meta hu nizzel lit-turista li kellu fil-karozza, u mbaghad dan ix-xufier kompla sejjer bix-xoghol tieghu.[12]

Ix-xufier Ludgardo sive Richard Muscat li gie mwaqqaf milli jkompli jsuq il-van li fih kellu sitt turisti, xehed f'dawn il-proceduri u fl-ewwel lok ma gharafx lill-imputat bhala wiehed mill-persuni li waqqfuh. Fit-tieni lok, meta gie mistoqsi ghaliex beza' hu wiegeb sempliciment *"ghax tibza' hux jien naf"*. Il-Qorti tifhem li hu biss uman li bniedem li jigi mdawwar minn folla nies jibza'. Izda meta hu gie mistoqsi jekk dawn in-nies li dawwruh qalulux xi haga, hu wiegeb *"Le le xejn. Bil-kelma t-tajba kollox."* Meta gie mistoqsi jekk giex mhedded, hu wiegeb fin-negattiv. Hu hareg mill-van, kif xi hadd qallu biex jaghmel, izda hallieh mixghul bic-cavetta fih u mexa n-naha tal-Berga' ta' Kastilja.[13] Ghalkemm m'hemmx dubbju li n-nies li waqqfu l-van, ma kellhom l-ebda seta' u agixxew illegalment meta ghamlu dan - ghax huma ma kellhom l-ebda dritt ifixxlu lil min ghazel li ma jippartecipax fl-istrike - mill-provi jirrizulta li dan ghamluh b'mod pacifiku minghajr l-ebda forma ta' aggressjoni jew vjolenza.

Il-Qorti m'ghandhix dubbju li t-turisti li baqghu fil-van ukoll bezghu, meta l-van twaqqaf – pero kif inghad, dan sar b'mod paciku. Mill-provi ma rrizulta bl-ebda mod li huma gew mhedda jew li ntuzat xi forma ta' aggressjoni fil-konfront taghhom. Ghalkemm irid jinghad ukoll li l-Pulizija hadu hsieb jissorveljaw il-van. Eventwalment dawn it-turisti nizlu mill-van – uhud minnhom marru jieklu l-Belt, pero tnejn ohra kellhom problema ghax kienu se jsiefru u kienu se jitilfu l-ajruplan. L-Assistent Kummissarju Zammit ha hsieb jiehu lil dawn iz-zewg turisti l-ajruport bil-karozza tal-pulizija. Ghalhekk dan l-incident – ghalkemm il-Qorti terga' tghid fih innifsu illegali – ma kellux konsegwenzi allarmanti, u ix-xufier Muscat – li jista' jitqies xhud indipendenti – xehed li n-nies kellmuh bil-kelma t-tajba.

---

[12] Ara xhieda tal-Ispettur Alfred Mallia a fol. 65 u 68 tal-process.
[13] Ara xhieda ta' Ludgaro sive Richard Muscat a fol. 72 *et seq.* tal-process.

Apparti dawn t-tlett incidenti, mill-provi ma jirrizulta li kien hemm l-ebda forma ta' theddid jew vjolenza mill-folla, la lejn xulxin, la lejn il-Pulizija jew lanqas lejn terzi persuni. Inoltre, l-imputat nizel id-depot, fuq talba tal-Pulizija, minghajr l-ebda forma ta' rezistenza.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm certu grad ta' allarm bil-fors kien hemm, anki f'min ma jibza minn xejn, anke minhabba l-fatt biss tan-numru kbir ta' nies li kien hemm migbura, *cio nonostante* ma jidhirx li kien hemm il-livell ta' alarm li evidentement hu immirat ghalih l-artikolu 79 tal-Kodici Kriminali.

Konsegwentement din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

*<u>It-Tieni Imputazzjoni – Ir-Reat ta' Attruppament</u>*

Ai termini tal-Artikolu 68(2) tal-Kodici Kriminali, ir-reat ta' attruppament isehh meta: *"Kull min jieħu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra min-nies jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat, għalkemm dik il-ġemgħa ta' nies ma tkun ġiet imxewxa minn ħadd in partikulari, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlitt ijiem sa tliet xhur jew il-multa."*

Il-**Prof. Mamo** jghid hekk fuq dan id-delitt;

*"The elements of this crime are:*

*i. The taking of an active part in an assembly*

*ii. Formed of ten or more persons*

*iii. With the object of committing an offence.*

*For a conviction of this crime it is essential that the defendant should be proved to have taken an <u>active</u> part in the assembly by word, deed or conduct. Merely to join for a while out of curiosity is not enough. But if an active part is taken, whether from the beginning or at any subsequent stage, so long as the gathering lasts, the crime is complete if the gathering is of ten or more persons and its purpose is the commission of an offence. "Il delitto di cui al para 2ndo dell'articolo 71 (now 68) delle leggi criminali si consuma pel solo fatto di formar parte dell'attruppamento allorche questo si revela come tale. Non si richiedono ne convenzioni*

*prestabilite, ne consensi espresso, ne ordini di gerarchia o di disciplina fra li attrupati. Come dimostrano le parole delle legge – anchorche l'attruppamento non sia stato da alcuno in particolare suscitato – una riunione anche fortuita di dieci persone almeno, collo scopo di commettere un reato, delitto o contravenzione che sia, e un attruppamento punibile. (Criminal Appeal "Police vs Carmelo Saliba et" 25.6.02 – Law Reports Volume XVIII, Part IV, page 39; Criminal Appeal "Police vs Rocco Zammit et" 24.4.11; Criminal Appeal "Police vs Giovanni Debattista et" 20/9.12; Criminal Appeal "Police vs Bigeni 17.3.1945."*[14] (sottolinear tal-awtur).

Issa fil-kaz odjern, jirrizulta ampjament mill-provi li l-folla ingemghet il-Furjana sabiex taghmel protesta ghar-ragunijiet fuq imsemmija – skop fih innfsu ghal kollox legittimu, tant illi f'ebda hin il-pulizija ma ppruvat twaqqafhom milli jingabru jew jibqghu hekk migburin. Dan jeskludi fil-gemgha il-hsieb li jingabru biex jikkommettu reat, ghaliex l-incidenti li nqalghu ma kienux mahsuba minn qabel. Il-provi juru li l-folla kienet hemm bi skop pacifiku. Jekk imbaghad il-folla u fosthom l-imputat ifformatx il-*mens rea* waqt l-incident jiddependi mic-circostanzi tat-tlett incidenti *de quo.*

Issa t-tlett incidenti *de quo* kienu jinvolvi it-twaqqif jew l-attentat ta' twaqqif ta' vetturi ta' transport pubbliku, ghax fl-opinjoni tan-nies li waqqfuhom jew ippruvaw iwaqqfuhom kienu qed jiksru d-direttiva tal-istrike. Ghalhekk, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, fit-tlett incidenti, l-*mens rea* ta' dawk in-nies mill-folla li ghamlu dawn l-atti kienet dik tad-delitt tal-arrest u detenzjoni ta' persuni, specifikatament billi jwaqqfu l-vetturi li ma kienux qed jippartecipaw fl-istrike, ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali.

Fir-rigward tal-imputat Axiaq jirrizulta ampjament mill-provi, li dan ma ha l-ebda parti attiva fil-kommissjoni jew l-attentat kommissjoni ta' dawn ir-reat. Ghalkemm il-Qorti tapprezza l-pressjoni ta' xoghol li kellu fuqu l-Assistent Kummissarju Zammit biex jikkontrolla l-protesta, ix-xhieda tieghu li l-imputat Axiaq kien qed jaghmel attivita silenzjuza, u jikkontrolla u jaghti istruzzjonjiet lill-folla b'ghajnejh,[15] certament mhix wahda realistika u umanament possibbli, u kull kumment ulterjuri ta' din il-Qorti fuq din l-allegazzjoni ikun superfluwu.

[14] *Ibid.* fol. 17.
[15] Ara fol. 123 tal-process.

L-Assistent Kummissarju Zammit jghid ukoll li hu arresta lill-imputat Axiaq ghax deherlu li ma kienx qed jassisti lill-Pulizija biex jikkalmaw is-sitwazzjoni, u li, ghalkemm ma hadhiex hu personalment, hu kien jaf mill-bidu min kien ha c-cavetta tal-van, u li inoltre, ghalkemm fl-ahhar ikkonsenja c-cavetta tal-van lill-Pulizija, huwa irrifjuta li jizvela min kien taghielu. Il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta ampjament, li l-imputat Axiaq ghamel li seta' biex jiskopri min kien ha c-cavetta tal-van, u li meta eventwalment giet fil-pussess tieghu, hu taha immedjatament lill-Pulizija. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova konkreta li l-imputat kien jaf mill-bidu nett jew f'xi stadju min kien ha din ic-cavetta u lanqas ressqet xi prova ta' xi kaz konkret meta l-imputat Axiaq irrifjuta li jobdi xi direttiva tal-Pulizija li kienet inghatatlu – hlief possibbilment dik li jikxef min kien tah ic-cavetta tal-van. Pero fi kwalunkwe kaz, anke kieku biss ghall-grazzja tal-argument biss tigi accettata s-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni li l-imputat Axiaq irrifjuta li jaghti din l-informazzjoni – certament dan il-fatt ma jikkostitwix partecipazzjoni attiva fir-reat tal-attruppament.

Fid-dawl tas-suespost, ir-reat ta' attruppament fil-konfront tal-imputat Axiaq ma giex debitament ippruvat.

_It-Tielet Imputazzjoni – Ir-Reat tal-Arrest, Detenzjoni u Sekwestru ta' Persuni_

In vista tal-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u tal-konkluzjonijiet milhuqa minnha fir-rigward, isegwi li din l-imputazzjoni ma gietx debitament ippruvata.

_Ir-Raba' Imputazzjoni – Ir-Reat Meta ma jigix Obdut Ordni biex Kulhadd jixxerred_

L-Artikolu 80 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi *"Jekk tnax-il persuna jew aktar, miġmugħin flimkien kontra l-liġi bi ksur tal-paċi pubblika, wara li jiġu formalment imwissija jew mitluba minn awtorità kompetenti biex jixxerdu u bil-kwiet imorru lejn darhom jew fuq xogħolhom, jibqgħu jew jissoktaw flimkien kontra l-liġi, f'numru ta' tnax jew aktar, għal żmien siegħa wara li tkun ġiet magħmula dik it-twissija pubblika, kull wieħed li jinsab ħati ta' dan jeħel il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin"*

Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li l-folla in kwistjoni ingabret flimkien kontra l-ligi u wisq inqas ressqet xi prova li l-folla giet imwissija jew mitluba minn awtorita kompetenti biex jixxerdu u bil-kwiet imorru lejn darhom jew fuq xogholhom.

Ghaldaqstant, din il-Qorti mhux se tinoltra ruhha fuq din l-imputazzjoni, ghax hu ovvju li ma gietx debitament ippruvata skond il-ligi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tiddikjara dawn il-proceduri estinti fil-konfront tal-imputati Joseph Buttigieg u John Attard, li mietu fil-mori ta' dawn il-proceduri;

2. Issib lill-imputat Carmel Axiak mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**